# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Jannar, 2002

**Numru 36**

**Avviz numru 783/01DM**

**E. Grech Cristal Bath Limited**

**vs**

**George u Miriam konjugi Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma bilancjali ta' elfejn mitejn u tlieta u sittin lira maltin u disgha u hamsin centezmi (Lm2,263.59) dovuta minnhom in konnessjoni mal-bejgh u konsenja ta' diversi oggetti u servizzi relatati forniti mis-socjeta' attrici lilhom fuq ordni taghhom stess;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 22 ta' Mejju, 2001 u bl-interessi kummercjali mid-data tal-fatturi relattivi kontra taghhom bil-konvenuti ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tallum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn mitejn u tlieta u sittin lira maltin u disgha u hamsin

centezmi (Lm2,263.59c) bl-imghax legali b'effett mill-10 ta' Settembru, 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Magistrat

A. Farrugia
Dep.Reg.

va